LOMBARD

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Lombard Bank Malta p.l.c.- Laqgħa Annwali Ġenerali 2009**

Il-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-Lombard Bank Malta p.l.c. saret ġewwa l-Kamra tal-Kummerċ, Triq ir-Repubblika, Valletta nhar il-Ħamis, 23 ta'April 2009 fejn l-azzjonisti kkunsidraw ir-rendikont tar-Riżultat Finanzjarju tal-Lombard Group għas-sena 2008.

Il-Grupp ghamel profitt rekord qabel il-ħlas tat-taxxa ta' €14.14 miljuni, li huma 33 % iżjed mis-sena ta' qabel u dan minkejja il-kriżi globali finanzjarja u tnaqqis fl-ekonomija.

Waqt li kien qed jindirizza l-Laqgha, iċ-*Chairman* tal-Bank Christian Lemmerich qal li l-Bank baqa' japplika prinċipji konservattivi u prudenti kemm fit-tmexxija tat-*Treasury* kif ukoll fl-għoti tas-self. Il-*Capital Adequacy Ratio* baqa' sew ogħla mill-minimu ta' 8% kif rikjest mir-regolamenti u fl-aħħar ta' l-2008 kien 15.2%.

Il-proporzjon ta' self meta mqabbel mad-depożiti ta' inqas minn 74% jikkonferma li l-Bank kien f'pożizzjoni biex jiffinanzja l-attivitajiet tas-self mingħajr ħtieġa li jirrikorri għal self minn banek oħra.

*Return on Equity* qabel it-taxxa kien ta' 24.5%, in-*Net Asset Value* żdied minn €1.48 għal €1.65, filwaqt li l-qliegħ għal kull sehem żdied minn €0.206 għal €0.241.

Iċ-*Chairman* kompla jinforma lill-azzjonisti li fl-2008 il-Bank inħatar bħala *Manager* u *Registrar* fl-*Initial Public Offering* tas-sehem li kellu l-Gvern fil-MaltaPost. Fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-Bank kellu 63.8% ta' l-ishma fil-MaltaPost, li l-Bank jikkonsidra bħala investiment strateġiku. MaltaPost għamlet qliegħ rekord ta' €1.88 miljuni għas-sena ta' negozju li għalqet fit-30 ta' Settembru 2008 u dan huwa rifless fir-riżultat tal-Lombard Bank Group.

Waqt il-Laqgħa, l-azzjonisti approvaw reżoluzzjoni għall-ħlas ta' Dividend Gross Finali ta' €0.10 kull sehem fi flus jew bi hruġ ta' ishma ġodda. Il-prezz li għandu jiġi attribwit għal skopijiet ta' ishma ġodda ġie stabbilit għal €2.50.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Bank huwa magħmul mis-Sinjuri C. Lemmerich (*Chairman*), J.M. Demajo, G.A. Fairclough, J.Said, D. Spanodimos, C.J. Stylianides u M. Zammit.

23 ta' April 2009